



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

17014/14

FREMP 230
JAI 1024
COHOM 183
POLGEN 195

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE u tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-iżgurar tar-rispett għall-istat tad-dritt

Fil-laqgħa tiegħu fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) u l-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill adottaw il-Konklużjonijiet inniżżlin fl-Anness għal din in-nota.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U TAL-ISTATI MEMBRI
MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL DWAR L-IŻGURAR TAR-RISPETT GĦALL-ISTAT TAD-
DRITT

- FILWAQT LI JILQGĦU n-nota tal-Presidenza bit-titolu "L-Iżgurar tar-Rispett għall-Istat tad-Dritt" [traduzzjoni mhux uffiċjali]¹;
- FILWAQT LI JENFASIZZAW li l-Unjoni Ewropea u l-Istituzzjonijiet tagħha huma impenjati fil-promozzjoni tal-valuri tal-UE, inkluż ir-rispett għall-istat tad-dritt kif stabbilit fit-Trattati;
- FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW li l-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri ewlenin li fuqhom hija mibnija l-Unjoni;
- FILWAQT LI JENFASIZZAW ir-rwol tal-Kunsill fil-promozzjoni ta' kultura ta' rispett għall-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea;

¹ 16862/14 + COR 1

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

1. jimpenjaw ruħhom li jistabbilixxu djalogu fost l-Istati Membri kollha fil-Kunsill biex jippromwovu u jissalvagwardjaw l-istat tad-dritt fil-qafas tat-Trattati;
2. jissottolinjaw li dan id-djalogu ser ikun ibbażat fuq il-prinċipji tal-oġġettività, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament indaqs tal-Istati Membri kollha;
3. jaqblu li dan id-djalogu ser jitmexxa abbażi ta' approċċ mhux ippreġudikat u bbażat fuq l-evidenza;
4. jenfasizzaw li tali approċċ ser ikun mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-attribuzzjoni tal-kompetenzi, kif ukoll ir-rispett tal-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri inerenti fl-istrutturi fundamentali tal-politika u l-kostituzzjoni tagħhom, li jinkludu l-awtonomija reġjonali u lokali, u l-funzjonijiet statali essenzjali tagħhom, inkluż l-iżgurar tal-integrità territorjali tal-Istat, iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, u għandu jiġi ippreżentat fid-dawl tal-prinċipju tal-kooperazzjoni sinċiera.
5. jaqblu li dan id-djalogu ser jiġi żviluppat b'mod li huwa komplementari ma' dak ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u filwaqt li jittieħed kont tal-istrumenti u l-kompetenzi eżistenti f'dan il-qasam;
6. jaqblu li dan id-djalogu ser iseħħ darba fis-sena fil-Kunsill, fil-konfigurazzjoni Affarijiet Ġenerali tiegħu, u jitħejja mill-COREPER (Presidenza), wara approċċ inklużiv. Il-Kunsill ser jikkunsidra, kif meħtieġ, li jniedi dibattiti dwar suġġetti tematiċi. Il-Presidenza ser tiżgura rispett sħiħ tal-prinċipji msemmija hawn fuq (il-paragrafi 2, 3, 4 u 5) f'kull ħin matul l-organizzazzjoni tad-djalogu;
7. u sa tmiem l-2016, ser tevalwa l-esperjenza miksuba abbażi ta' dan id-djalogu.